MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2006

Numru 841/2006

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO ABDILLA
VS
ABOUBAKER ELMEKSAWI ABDUSSAIAM
OMAR ALI MASOUD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Aboubaker Elmeksawi Abdussaiam, ta’ 26 sena, bin Abdul Salem u Salma nee’ Salem, imwieled Tripoli Libya, fl-1 ta’ Jannar 1980 u residenti Twara Court, Flat 8, Triq Moroni, Gzira, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 32990A, kif ukoll Omar Ali Masoud, ta’ 27 sena, bin Ali u Aixa, imwieled Gharian Libya fis-27 ta’ Mejju 1979, residenti St Peter, Flat 8, Triq San Pietru, Sliema, u detentur tal-passaport numru 060720/2002, u akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-8 t’Awissu 2006 ghal habta tal-hdax ta’ bil-lejl, gewwa l-klabb tal-Bocci ta’ San Gwann, u fi Triq il-Kappella, San Gwann, u/jew fil-vicinanzi:

(1) ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta’ PC 144 S.Persiano u PC 343 G.Carabott, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artiklu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(2) attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra PC 144 S.Persiano u PC 343 G.Carabott, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur tal-Artiklu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(3) ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-gisem ta’ PC 144 S.Persiano u PC 343 G.Carabott, skond kif certifikat mit-tabib Dr Robert Patiniott M.D. tal-Floriana Health Centre, u dan bi ksur tal-Artiklu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(4) volontarjament kissru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(5) ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ PC 343 G.Carabott, PC 144 S.Persiano, PC 942 S. Chircop u PC 155 C.Charlton, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 3) u tal-imputati (a fol 6, 7, 20 u 21) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Omar Ali Masoud (a fol 18).

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat Masoud sabiex jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat Omar Ali Masoud hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 95, 96, 221, 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li huwa ‘a first offender’ u l-eta’ giovvanili tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------